III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUSEC/2/2008

ta' l-24 ta' Ġunju 2008

dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza ta' l-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)

(2008/490/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 25, it-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/406/PESK tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza ta' l-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Marzu 2008 Michel SIDO naħatar Kap tal-Missjoni għall-missjoni ta' konsulenza u assistenza ta' l-Unjoni Ewropea għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ("EUSEC RD Congo").

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2008, Michel SIDO ppreżenta r-riżenja tiegħu minn Kap tal-Missjoni.

(3) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ippropona l-ħatra ta' Jean-Paul MICHEL bħala Kap tal-Missjoni ġdid għall-EUSEC RD Congo,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Jean-Paul MICHEL huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni għall-EUSEC RD Congo.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fl-1 ta' Lulju 2008.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

M. IPAVIC

[1] ĠU L 151, 13.6.2007, p. 52.